MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Gżira

# IS-SEBGĦA LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 47

[Nhar il-Tlieta 8 t' Awwissu 2017]

Il-Kunsilli Lokali l-Gżira ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 283/1 Rue D'Argens, il-Gżira], fil-5.30 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:

Conrad Borg Manche – Sindku
Ralph Mangion– Viċi Sindku
Neville Chetcuti – Kunsillier
Joseph Galea – Kunsillier
Wayne Hewitt – Kunsillier

### ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Jeremy Cardona– Kunsillier
Graziella Attard Previ – Kunsilliera

### ASSENTI

N/A

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Michael Portelli – Deputat Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Conrad Borg Manche ippreseda l-laqgħa fis-5.30pm.

## 47.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

47.1.1 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qara ittra t'apoloġija mill-kunsillier Jeremy Cardona u mill-kunsilliera Graziella Schembri.

## 47.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

47.2.1 Il-Viċi qal illi l-Kunsill jista jittowjaw karozzi [45.2.1]. Is-Sindku qal illi rridu nsibu post fejn nitpoġġu l-karozzi. Il-Viċi Sindku qal illi jaf wieħed illi jieħu ħsieb dan ix-xogħol u jaf x'inhuma l-proċeduri.

47.2.2 Il-kunsillier Joe Galea staqsa għal update rigward Savoy Gardens. Is-Sindku qal illi se nagħmlu transfer tal-propjeta li hemm f'Savoy Gardens [ref punt 46.2.5] waqt illi qal illi għandna nġibu stima oħra għax li rċevejna bħalissa taħdem kontra l-Kunsill.

47.2.3 Il-kunsillier Neville Chetcuti staqsa meta se jibda jaħdem il-kuntrattur il-ġdid tal-Public Convenience [ref punt 45.5.1]. Fuq dan il-punt il-Viċi Sindku qal illi rridu naraw fuq l-għadd tal-manutenzjoni peress illi min ħa t-tender tefagħha fuq l-irħas prezz.

47.2.4 Il-Viċi Sindku staqsa għal update rigward il-parking ta' triq Edgar Bernard [ref punt 45.6.3].

## 47.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

47.3.1 Inqrat emajl mis-Segretarju Eżekuttiv li rringrazzja lill-Kunsill għall-għajnuna tagħhom u skuża ruħu li ma setax ikun preżenti għal-laqgħa.

47.3.2 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qara emajl mis-sur Saviour Galea li talab permess biex isir Fundraising ġewwa Manoel Island. Il-fundraising se ssir għal min għandu bzonn għajnuna ġewwa l-Afrika.

**Il-kunsillier Wayne Hewitt telaq fis-6.30pm**

## 47.4 Mistoqsijiet tal-kunsilliera

47.4.1 Ma kien hemm l-ebda mistoqsijiet mill-kunsilliera

## 47.5 Rapporti

47.5.1 Ma kien hemm l-ebda rapport.

## 47.6 *Items* oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

47.6.1 CCTV: Is-Sindku qara rapport fuq ic-CCTV's. Żied illi hu tkellem ma supplier ieħor peress illi l-prezz huwa għoli biex nimmonitorjaw tlett toroq. L-istima li rċevejna għal Pjazza Meme Scicluna ammonta għal €11,000 mingħajr l-ispejjez għan-network. Qal illi ma min tkellem qal illi l-Kunsill jista juża s-server tal-Go u jiġi ssajvjat fuq hard-disk. Żied illi kull kamera tiswa €1500. Il-Viċi Sindku qal kelna naraw dwar kameras għal Pjazza Meme Scicluna.. Is-Sindku qal illi għandna nibdew minn hemm.

47.6.2 Copernicus: Is-Sindku qal illi hemm proġett li qed isir mal-MCST li hija sistema ta' satelliti u tintuża bħala preparazzjonijiet għall-emerġenzji. Is-Sindku żied illi mhux se tiswa flus lill-Kunsill. Il-Kunsill qabel illi nuzaw din is-sistema.

47.6.3 Wi-fi: Is-Sindku qara korrispondenza ma Ozone fejn huma lesti joffru servizz ta' wifi b'xejn madwar il-lokalitajiet. Il-Kunsill qabel fuq dawn il-ħames postijiet: The Strand, Ġnien il-Kunsill t'Ewropa, Sliema Rd. ma Nazju Ellul, Pjazza Turu Colombu u Pjazza Meme Scicluna. Offrew illi meta taqbad mal-internet titla l-Welcome page tal-Kunsill u direttorju tal-Businesses. Il-Kunsill qabel mal-kunċett izda jixtiequ iżjed informazzjoni fuq it-teknikalitajiet.

47.6.4 Bye Laws:

Is-Sindku sema n-neċessita li nsibu soluzzjoni għall-problemi li hemm fejn jidħol kostruzzjoni, tindif, infurzar.

Il-kunsillier Neville Chetcuti qal illi qabel ma jsir xogħol ta' kostruzzjoni għandna nieħdu ritratti tal-post. Il-kunsillier Joe Galea qal illi l-Planning Authority ikollom ritratti.

Is-Sindku qal illi hemm bzonn naħsbu fuq ideat vis-a-vis hoarding/parking/tindif wara x-xogħolijiet/sorveljanza/multi għoljin u żied illi meta tiġi biex tkun rilaxatta l-garanzija għandu jmur rappreżentant tal-Kunsill.

Is-Sindku żied illi hemm bzonn illi nagħmlu l-infurzar aħna u trid tidħol anki kundizzjonijiet fuq il-wardens, fejn il-wardens għandom ikunu preżenti sakemm jispiċċaw mix-xogħolijiet.

47.6.5 Il-kunsillier Joe Galea semma t-tindif tal-water culverts

47.6.6 Il-kunsillier Joe Galea qal illi quddiem l-ex Dar tal-anzjani fetaħ take-away u jekk dan jagħmel insland se jteffel il-pjanijiet tal-Kunsill

47.6.7 Il-kunsillier Neville Chetcuti qal illi l-problema ta' triq Emanuel Giordano baqgħet l-istess rigward illegali parking.

47.6.8 Il-kunsillier Joe Galea qal illi għandna naraw min huma d-distributuri tal-junk mail u li għandom iħallsu kumpens minħabba l-karti li jħallu mall-art.

47.6.9 Il-Viċi Sindku qal illi bqajna mingħajr żebra crossing/lights triq ix-Xatt, fejn il-ġnien.
Il-kunsillier Neville Chetcuti qal li tal-Cleansing ma kienux qegħdin jibagħtu kontijiet [damu tlett xhur] u kien hemm il-ħaddiema li ma kienux qegħdin jitħallsu u għalhekk ma riedux jaħdmu iżjed.

46.6.10 Il-kunsillier Neville Chetcuti qal illi issa li fetħu parti mill-Kappara Junction hemm bzonn intawlu naqra l-ħin tal-lights li hemm Sliema Rd. c/w Rue D'Argens.

47.6.11 Il-kunsillier Neville Chetcuti qal illi għad hemm persuna li qed joħloq problemi fil-ġnien.

47.6.12 Is-Sindku qal illi tneħħiet bin ġewwa Pjazza Meme Scicluna wara li rċevejna ilmenti minħabba r-riħa ta' żibel.

47.6.13 Il-kunsillier Neville Chetcuti qal illi għad hemm problema bl-iskart u qal illi fil-fehma tiegħu hemm bzonn niġbru z-zibel nhar ta' Ħadd ukoll.

47.6.14 Il-kunsillier Joe Galea semma attività kulturali u għamel talba biex nissusidjaw l-attivita. Il-Kunsill qabel.

47.6.15 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni ta' baġit ta' €7000 għal World Childrens Day. Il-Kunsill qabel.

47.6.16 Il-kunsillier Neville Chetcuti qal illi l-Gvern Ċentrali rranġa l-bankijiet tax-Xatt ta' Tas-Sliema, kif ukoll saru ċerti xogħolijiet oħra ta' manutenzjoni u għandna nitolbu l-istess ħaġa. Żied illi s'issa darba biss nadfu x-Xatt [in-naħa tal-ħwienet].

47.6.17 Il-Viċi Sindku qal illi għandu l-provi li Alamango kien għamel il-ħsara fuq il-bankina ta' triq ir-Rebħa u jħoss illi Alamango għandu jħallas. Is-Sindku qal illi għandna nibagħtu ittra uffiċjali lilu. Il-kunsillier Neville Chetcuti qal illi dan kien ħalla ħafna trabb ukoll.

## 47.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

47.7.1 Il-Kunsill approva l-iskeda ta' pagamenti

## 47.8 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

47.8.1 Il-laqgħa intemmet fit-9.00pm u ġiet aġġornata għal-5 ta' Settembru 2017 fil-5.30pm

Konfermati, illum it-Tlieta 5 ta’ Settembru 2017.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Conrad Borg Manche<br>Sindku | Michael Portelli<br>Segretarju Eżekuttiv |